**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 231/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur AnneMarie Micallef)**

**-vs-**

**Daniel Sapiano**

<u>**Illum, 10 ta' April, 2024**</u>

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti **Daniel Sapiano** detentur tal-karta tal-identita' 402692 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' xi ta' Novembru 2015 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu u dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra is-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5000) ghad-dannu ta' Frank Ral Estate Limited liema somma giet fdata jew kkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jw li jsir uzu minnha specifikat u l-istess haga giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industija, kummerc jew servizz tieghu.

Simon minn naha tieghu juza hafna s-sapport, jigifieri dan in between sessions kien qed ikun hemm anke diversi telefonati minn naha tieghu, anke meta jinqalghulu sitwazzjonijiet specjalment emozzjonali, meta jkun qed ihossu depressed u meta ma jkunx qieghed tajjeb. Biex nitkellmuhom, jigifieri anke fuq it-telephone konna qed indumu nghidu kwarti, kienu qed ikunu long conversations.

Rat illi fil-prezentata nhar is-16 ta' Novembru 2016 l-appellant kien irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti. Dik il-Qorti kienet fissret lill-appellanti l-importanza u sinjifikat tal-ammissjoni tieghu inkluz li setghet tikkundannah ghal piena ta' prigunerija u cio nonnostante wara li inghata zmien xieraq biex jirrikonsidra l-ammissjoni teighu insista li jirregistra l-ammissjoni tieghu.

Illi nhar l-24 ta' April 2017 l-appellant instab hati u gie kkundannat sentejn prigunerija sospiza ghal perijodu ta erba' snin minn dik id-data tas-sentenza. Oltre dan b'zieda mal-piena inflitta poggiet lill-appellant taht is-supervizzjoni ta' Probation Officer ghal perjodu ta' tlett snin, kif ukoll taht Ordni ta' Servizz fil-komunita.

Rat id-denunzja tal-Ufficcjal tal-Probation Stefania Bezzina prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti giet nfurmata li l-appellant naqas li jzomm kuntatt konsitenti mal-Agenzija Caritas biex jindirzza l-vizzju mishut tieghu ta' tehid ta' droga u naqas li jobdi l-programm residenzjali ta' rihabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga minkejja il-gwida li nghatatlu.

Il-Qorti wara li semghet il-provi kollha imresqa iddecidiet nhar is-7 ta' Marzu, 2023 li ssib lill-appellant hati talli naqas li jhares il-kundizzjonijiet tal-Ordnijiet kollha moghtija lilu mahruga fil-konfront tieghu fl-24 ta' April 2017 mill-Qorti kif kienet preseduta u kkundannatu ghal peina ta' sentejn prigunerija kif ukoll ammenda ta' hames mitt euro (€500).

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2024 fl-atti mill-avukat difensur tal-appellant fejn talab li jressaq provi sabiex din il-Qorti tikkonverti ruha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-ligijiet ta' Malta

Illi l-appellant interpona umli appell nhar it-13 ta' Marzu 2023 u l-aggravju tieghu hija koncentrata fuq il-kwisjtoni ta' piena pero fl-istess nifs jghid li l-appellant ghamel dak li ghamel stante li huwa mahkum bid-droga tant li anke il-Qorti stess kienet irrakomandat li l-appellant jindirizza il-problema tieghu ta' tehid ta' droga.

L-Avukat Genreali f'dik l-istess seduta tat-8 ta' Jannar 2024 iddikajra li ma kienx qed joggezzjona ghat talba li jigu ngunti xhieda ai fini tat-talba mghamula ai termini tal-artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta izda kien qieghed jirriserva li iwiegeb bil-miktub ghat-talba tal-koversjoni wara li jisma ix-xhiea li ghandhom jigu imrresqa ghal dan il-ghan.

Dr Rene Darmanin ghall-appellant talab il-hatra ta' psikologa u l-Qorti innominat lil Dr Roberta Holland.

Illi nhar il-5 ta' Marzu, 2024 dehret Dr Roberta Holland u pprezentat ir-rapport taghha li gie mmarkat bhala Dok RH. Spjegat li mill-informazzjoni migbura inkluz l-intervista klinika u assessjar semi strutturat li kien amministrat mal-appellant kif ukoll mill-informazzjoni migbura minn sorsi ohra, irrizultalha li l-appellant beda jabbuza mid-droga meta kellu biss tlettax-il sena. Huwa beda jabbuza bil-Cannabis, ftit wara minn stimulant ohra inkluz ectasy kif ukoll mil-Kokaina. Il-vizzju kien diga prezenti izda sar izjed gravi wara l-mewt ta' ommu meta kellu hmistax-il sena. Minn hemm il-quddiem, id-dipendenza baqghet akuta b'tentattivi falluti sabiex inaqqas jew jieqaf u b'tahlita ta' diversi elementi ohra li juru li apparti d-droga, l-istil ta' hajja tieghu kien wiehed kriminogeniku. Dak kollu baqa' sejjer sakemm kellu madwar hamsa u ghoxrin sena wara li kien ghal xaghrejn il-habs u ftit wara segwa programm residenzjali tar-rijabilitazzjoni mid-droga. Minn hemm beda jnaqqas mill-uzu tal-kokaina izda beda izid f'dak tal-Cannabis. Eventwalment, madwar sena ilu irnexxielu jieqaf mill-uzu tal-kokaina izda id-dipendenza fuq il-Cannabis baqghet gavi. Dan filwaqt li kellu ukoll preskrizzjoni ghal Cannabis medicinali. Fil-perijodu ta' Novembru 2015, il-problema principali kienet dik tal-Kokaina izda fl-istess zmien kien jabbuza ukoll minn sustanzi ohra u bazikament dak li jigi ghal idjeh.

Mill-istorja tal-appellant jidher li kien hemm diffikultajiet fit-tfulija tieghu li bdew minn meta kellu madwar disa snin u mardet ommu. Matul is-sitt snin minn ta' wara

u sakemm din mietet l-appellant tilef it-triq u beda jabbuza mis-sustanzi u minn cirkostanza hazina dahal ghal ohra. Id-droga kienet hemm mezz ta' ribelljoni u espressjoni ta' rabja za anke mezz ghalih ta' kif jahrab mir-realta u jrazzan wegghat emozjonali jew hsibijiet ta' disturbanti. Dan ifisser li qatt ma pprocesa jew irrisolva dawn l-emozzjonijiet u matul is-snin baqghu jittormentawh hekk kif baqghu evidenti n-nuqqasijiet fil-hiliet personali jew ta' kif jaffaccja sfidi u mumenti difficili fil-hajja. Aparti dan dahal fi crieki vizzjuza li ggib id-droga u l-hajja relatata maghha li komplew jirrinforzaw l-istess uzu ta' sustanzi. Dan inkluda tberbiq ta ammonti sostanzjali ta' flus, nuqqas ta' residenza jew konsistenza fix-xoghol u interazzjoni ma elementi u persuni kriminali, uzura, attitudni u imgieba antisocjali.

Mill-aspett posittiv l-ewwel snin ta' hajjiet l-appellant ghalmuh valuri posittivi u principali prosocjali li illum il-gurnata jghinuh jirrifletti dwaru nnifsu, jgharaf u jerfa r-responsabilita' ta' ghemilu. Huwa jesprimi sens genwin ta' rimors u bl-ebda mod ma jiggustifika u lanqas ihares lejn haddiehor bhala s-sors ta' dak kollu li ghamel hu u l-konsegwenzi. L-attitudni lejn l-awtorita u lejn il-ligi hija favorevoli u jidher li jixtieq jiehu r-rihabilitazzjoni tieghu bis-serjeta. B'mod konkret, huwa qatta kuntatti ma persuni kriminogenici, waqaf mill-uzu ta' Kokaina, beda jahdem b'impenn u konsistenza serja, hallas djun u beda jerfa' ir-responsabilitajiet bhala missier. Apparti dan jinsab f'relazzjoni stabbli u ghandu residenza, irrikoncilja relazzjonijiet familjari u jinvolvi ruhu f'attivitajiet socjali. Il-kummenti minn naha tal-Ufficcjal tal-Probabtion li ilha issegwih ghal dawn l-ahhar snin jixhdu li huwa verament wettaq bidliet f'hajtu.

Rigward bzonnijiet tidher il-htiega li jkompli jindirizza aspetti emozzjonali specjalment sabiex jirrisolvi wegghat li gejjin mill-passat. Kif intqal, matul l-evalwazzjonijiet kienu nnutati tendenzi ta' ADHD kif ukoll ansjeta relatata mal-kaz u ghalhekk ikun tajjeb li jiehu parir dar dawn u dwar mezzi ta' kif jista jindirizza dawn it-tendenzi b'mod li ma jkunx ta' xkiel ghalih fil-hajja. Dwar droga, jidher lil-vizzju tal-Kokaina irnexxielu jikkontrollaha u ghal dan jkun jirrikejdi li jibqa' taht sorveljanza permezz ta' testijiet, u kuntatt ma professjonijiet sabiex jevita li jirkadi. Rigward l-uzu

ta' Cannabis, ghalkemm ghandu preskrizzjoni medika ghal din is-sustanza, indika li l-uzu huwa eccessiv u li minn naha tieghu huwa motivat li ghall-inqas inqqas sew minnu. F'dan is-sens wiehed jistenna li jekk ikollu kundizzjonijiet imposta fuqu huwa jkun kapaci isegwihom, pero b'kuntatt ma professjonisti huwa jkun jista' ukoll jindirizza din il-problema.

Filwaqt li l-progress li ghamel huwa inkorraganti, wiehed ma jistax jinsa li abbazi tal-istorja tal-appellanti r-riskju ta' reat iehor jew li jirkadi ma jsitax jitqies bhala baxx u dan specjalment jekk ma jkomplix jircievi l-ghajnuna jew ma jibqax jaghmel hiltu. Prezentement m'hemmx indikazzjonijiet li huwa ghandu ikun f'ambjent ristrett jew kontrollat u wiehed jittama u jistenna li jekk jinghata l-opportunita li jikkopera bis-shih sabiex ikompli dejjem miexi 'l quddiem u jtejjeb l-kwalita tal-hajja.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2024 l-partijiet irrimettu ruhhom ghal gudizzju ta' din il-Qorti sabiex tinghata digriet dwar il-konversjoni ghal Qorti ta' Droga ai termini tal-artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat dak li jipprovdi l-artikolu 8 (1) tal-kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta ai fini tat-talba tal-appellanti li jipprovdi s-segwenti:-

> 8. (1) *Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija , u l-*

*kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista jghamel talba quddiem din il-Qorti u cioe sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisftti b'mod prelininari zewg rekwiziti u cioe:-

1. Ir-reat li jkun **akkuzat bih** (ghad-differenza mill-kelma ikkundannat) ma jistax ikollu piena li teccedi seba' (7) snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t-tieni kundizzjoni u cioe

2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija, ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(c) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

Illi pero din il-Qorti ma tistax tara jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub inciz (2) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-reati addebitati fil-konfront tal-appellanti ma tecceddix is-sebgha snin prigunerija u m'humeix reati kommessi kontra l-persuna u hemm cirkostanzi oggettivi li jindikaw li r-rikorrenti verament jixtieq ibiddel hajjitu u jibda it triq it-tajba skond dak li qalet Dr Roberta Holland. Bizzejjed jinghad li:

1. L-appellanti jesprimi sens genwin ta' rimors u bl-ebda mod la jiggustifika u lanqas ihares lejn haddiehor bhala s-sors ta' dak kollu li ghamel hu u l-konsegwenzi.
2. L-attitudni lejn l-awtorita u lejn il-ligi hija favorevoli u jidher li jixtieq jiehu r-rihabilitazzjoni tieghu bis-serjeta.
3. B'mod konkret, huwa qatta' kuntatti ma persuni kriminogenici.
4. Waqaf mill-uzu ta-Kokaina.
5. Beda jahdem b'impenn u konsistenza serja.
6. Hallas djun u beda jerfa ir-responsabilitajiet bhala missier.
7. Apparti dan jinsab f'relazzjoni stabbli u ghandu residenza.
8. Irrikoncilja relazzjonijeit familjari u jinvolvi ruhu f'attivitajiet socjali.

Minkejja dan l-progress ghad irid jindirizza l-uzu ta' Cannabis, ghalkemm ghandu preskrizzjoni medika ghal din is-sustanza, indika li l-uzu huwa eccessiv u li minn naha tieghu huwa motivat li ghall-inqas inqqas sew minnu. Ghalhekk f'dan il-kwadru din il-Qorti hija lesta li tati l-ahhar chance sabeix l-appellant jipprova b'mod serju jehles minn dan il-vizzju ta tehid ta droga darba ghal dejjem.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu w semghet ukoll kull xhud li hija qieset li kien neċessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u ghalhekk qeda tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement ai termini tas-Sub-inciz (c) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 qeda tirreferi lill-persuna appellata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6 ta l-istess kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta .

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**